MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## MARIA KARLSSON

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 612/2007

**Kurt Bonello**

**Vs**

**Matthew Farrugia**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ elf, mija, disgha u disghin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmi
(Lm 1,199.54), rapprezentanti xiri ta’ vettura Fiat Tipo Numru CAE 335 minghand il-konvenut, liema prezz thallas lill-konvenut u ghal tiswijiet u benefikati fuq l-istess vettura.

Illi l-prezz tal-vettura kienet Lm 750, liema prezz thallas.
Illi waqt in-negozjati qabel il-bejgh, il-konvenut kien accerta lill-attur illi m’ghandu jkun hemm l-ebda problema

biex il-vettura tigi registrata fuq ismu u li d-dettalji fuq il-*log book* tal-vettura kienu regolari u konformi mal-vettura.

Illi mal-konsenja tal-vettura, l-attur ghamel tiswijiet u benefikati fuq il-vettura u nefaq is-somma ta’ Lm474.54 ghal xoghol u *parts.*

Illi meta l-attur mar biex jirregistra l-vettura fuq ismu gie mgharraf mill-awtoritajiet kompetenti illi din ir-registrazzjoni ma setghetx issir ghaliex kien hemm diskrepanzi bejn dettalji tal-vettura, fuq il-vettura nfisha u d-dettalji fuq il-*log book.*

Illi f’dawn ic-cirkostanzi, l-attur jirritjeni illi l-bejgh ghandu jigi rexiss billi l-kunsens gie vizzjat minhabba zball u/jew qerq da parti mill-konvenut u l-attur jippretendi rifuzjoni tal-prezz li hallas u l-ispejjez li nkorra.

Bl-ispejjez.

Ra r-risposta sollevata mill-konvenut fejn eccepixxa illi t-talba ghandha tigi michuda peress illi dana t-Tribunal m’ghandux kompetenza jiddeciedi talba tat-tip kif saret mill-attur.

Fil-mertu u bla pregudizzju, l-esponenti m’huwa responsabbli ghal ebda varjazzjoni fl-informazzjoni tal-vettura u ghalhekk isegwi li ma sar ebda zball u/jew qerq biex tigi vizzjata l-kunsens ta` l-attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Sema` t-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

L-attur talab il-hlas ta’ Lm 1,199.54 mill-konvenut bhala l-prezz ta’ vettura mibjugha lilu, kif ukoll allegati tiswijiet u benefikati fuq l-istess vettura u dan minhabba diskrepanzi bejn dettalji tal-vettura, fuq il-vettura nfisha u d-dettalji fuq il-*log book.*

Ra r-risposta li giet ipprezentata mill-attur li permezz taghha eccepixxa fl-ewwel lok in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra.

Mill-atti jirrizulta li l-vettura nxtrat minghand l-attur ghal prezz ta' LM750. Illi mal-konsenja tal-vettura ghamel tiswijiet u benefikati fuq il-vettura ta' Lm 474.54 xoghol u *parts*. Illi meta mar biex jirregistra l-vettura fuq ismu, din ir-registrazzjoni ma setghetx issir ghaliex kien hemm xi diskrepanzi bejn dettalji tal-vettura fuq il-vettura kif ukoll fil-*log book*.

Illi l-attur jirritjeni illi l-bejgh ghandu jigi rexiss billi l-kunsens tieghu gie vizzjat minhabba zball jew qerq da parti tal-konvenut u qieghed jippretendi rifuzjoni tal-prezz li hallas u l-ispejjez li nkorra.

Fil-kaz in kwistjoni, l-attur m'huwiex qieghed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq rexissjoni izda qieghed jippretendi rifuzjoni tal-prezz li hallas minhabba diskrepanzi bejn dettalji tal-vettura fuq il-vettura nnifisha u d-dettalji fuq il-*log book*. Dan it-Tribunal, ghandu jidhol fil-materja jekk hemmx bazi ghal talba ta' rifuzjoni tal-prezz mhallas u spejjez inkorsi

L-Artiklu 3(2) ta` l-Att 1995 li holoq it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar hu vestit 'biex jisma` u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont mhux izjed minn elf u hames mitt lira Maltija'. Jipprovdi mbaghad fis-sub paragrafu (5) ta` l-istess Artiklu 3 ghal dawk il-kwistjonijiet li jesorbitaw mill-gurisdizzjoni tat-Tribunal li huma specifikament 'kawzi li fihom jindahlu kwistjonijiet dwar proprjeta' ta' beni mmobbli, pizijiet jew jeddijiet ohra mghaqqdin ma` l-immobbli, ghad li t-talba ma tkunx tiskorri l-elf u hames mitt lira u kawzi ta' zgumbrament jew tkeccija minn beni mmobbli ma jidhlux fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal'.

Fil-kaz prezenti, it-talba ta` l-attur hija ta' Lm 1,199.54 u ma hemmx kwistjonijiet dwar proprjeta' immobbli u l-anqas huwa kaz ta' zgumbrament.

Illi fil-fehma tat-Tribunal mid-dicitura ta` l-Avviz jirrizulta li hija talba ghal rifuzjoni ta' flus (*'money claim'*) *ai termini* ta` l-Att V tal-1995. Ix-xerrej ma jistghax semplicement jitlob rifuzjoni ta' flusu izda jrid jitlob it-thassir tal-bejgh. It-Tribunal, ghandu d-dover li jiggudika talbiet ta' flus u fil-fehma tat-Tribunal dan il-kaz jaqa' taht il-parametri ta` l-Att tal-1995 li holoq it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar. Meta Tribunal jastjeni b'mod simplicistiku jkun qieghed jabdika mid-doveri tieghu u jkun qieghed jiggustifika l-istess ligi li giet ikkrejata.

Huwa pacifiku illi m'huwiex l-att promotur wahdu li jistabilixxi l-parametri li fihom it-Tribunal ghandu l-gurisdizzjoni tieghu u li allura jiddetermina l-kompetenza tieghu. Fil-kaz in ezami, flimkien mat-talba hemm kombacat l-osservazzjoni illi kien hemm varjazzjoni fl-informazzjoni tal-vettura inifisha u fuq il-*log book* tal-vettura. Il-mertu tal-kawza huwa d-diskrepanzi bejn id-dettalji tal-vettura fuq il-vettura stess u d-dettalji fuq il-*log book* u ghalhekk l-attur jirritjeni illi l-bejgh ghandu jigi rexiss billi l-kunsens tieghu gie vizzjat minhabba zball u/jew qerq.

It-Talba hija ghal flus u din it-talba ma taqax taht l-Artiklu 3(5) ta` l-Att V tal-1995 li jezorbita lit-Tribunal mill-gurisdizzjoni. Imkien fl-Att hawn fuq citat ma jirrestringi l-gurisdizzjoni tat-Tribunal ma` talbiet li jinvolvu *'money claims'*.

It-Tribunal ma jarax kif il-konvenut jista' jsostni sottomissjoni generika illi ghaliex l-attur jirritjeni illi l-kuntratt ghandu jigi rexiss it-Tribunal m'ghandux kompetenza jiggudika t-talba ghal rifuzjoni tal-prezz imhallas u spejjez inkorsi. Certament, fil-limiti tal-kompetenza tieghu, it-Tribunal, ghandu d-dover li jinterpreta l-bejgh ghall-finijiet tal-vertenza.

It-Tribunal qieghed iqis il-materja bhala semplici talba ghar-radd lura ta' somma flus.

Ghalhekk it-Tribunal huwa konvint illi ghandu kompetenza jiehu konjizzjoni ta' dan il-kaz.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni ta' inkompetenza u jordna l-prosegwiment tal-kawza.

Spejjez a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------